2024/3165

19.12.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3165

tat-18 ta' Diċembru 2024

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 499/96 rigward il-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti prodotti tal-ħut u tas-sajd li joriġinaw fl-Iżlanda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 499/96 tad-19 ta' Marzu 1996, li jintroduċi u jipprevedi l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għal ċerti prodotti tal-ħut u tas-sajd li joriġinaw fl-Iżlanda ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (d) tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-21 ta' April 2016 ([2]), il-Kunsill awtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE 2014-2021, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu 2014-2021, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja, u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda ("il-Protokoll Addizzjonali 2016-2021").

(2) Il-Protokoll Addizzjonali 2016-2021 jipprevedi t-tiġdid ta' tliet kwoti tariffarji mingħajr dazju li ntemmu fit-30 ta' April 2014 u kwota tariffarja waħda mingħajr dazju ġdida għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw fl-Iżlanda, sat-30 ta' April 2021.

(3) Il-Protokoll Addizzjonali 2016-2021 jipprevedi wkoll li l-volumi tal-kwoti tariffarji li jkopru l-perjodu mill-1 ta' Mejju 2014 sad-data li fiha l-applikazzjoni provviżorja tiegħu ssir effettiva jridu jiġu allokati proporzjonalment u jsiru disponibbli għall-perjodu mid-data li fiha japplika proviżorjament sat-30 ta' April 2021. Dan ma jipprevedi l-ebda trasferiment tal-volumi li jifdal fi kwota tariffarja għal perjodu ta' applikazzjoni sussegwenti.

(4) Fl-2024, ġie konkluż Protokoll Addizzjonali ġdid tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda ("il-Protokoll Addizzjonali 2025-2028") dwar dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw fl-Iżlanda ([3]). L-Anness tiegħu jipprevedi kwoti tariffarji annwali mingħajr dazju għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni.

(5) Il-kwoti tariffarji annwali mingħajr dazju stabbiliti fil-Protokoll Addizzjonali 2025-2028 iridu japplikaw mill-jum li fih l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll Addizzjonali 2025-2028 issir effettiva, sat-30 ta' April 2028. Jipprevedi wkoll li l-volumi tal-kwoti tariffarji li jkopru l-perjodu mill-1 ta' Mejju 2021 sal-jum li fih japplika l-Protokoll Addizzjonali 2025-2028 għandhom jiġu allokati proporzjonalment kull sena mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' April ta' kull sena sat-30 ta' April 2028.

([1]) ĠU L 75, 23.3.1996, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/499/2016-08-01.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/837 tal-21 ta' April 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE 2014-2021, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perijodu 2014-2021, il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja, u l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 1,ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/837/oj).

([3]) Il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda (ĠU L, 2024/2601, 8.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/prot/2024/2601/oj).

(6) Il-Protokoll Addizzjonali 2025-2028 jipprevedi wkoll it-trasferiment tal-volumi tal-kwoti akkumulati mhux użati ta' dawn il-kwoti tariffarji għal perjodu ta' mhux aktar minn sentejn wara tmiem l-applikazzjoni tiegħu, iżda mhux aktar tard mill-applikazzjoni proviżorja ta' protokoll sussegwenti li jistabbilixxi kwoti mingħajr dazju għall-istess prodotti.

(7) Il-Protokoll Addizzjonali 2025-2028 irid jidħol fis-seħħ proviżorjament fl-1 ta' Jannar 2025.

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-kwoti tariffarji jkunu disponibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ proviżorju tal-Protokoll Addizzjonali 2025-2028, il-kwoti tariffarji previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025.

(9) Huwa neċessarju li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 499/96 biex jiġu implimentati l-kwoti tariffarji stipulati fil-Protokoll Addizzjonali 2025-2028.

(10) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 499/96 jiġi emendat kif xieraq.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 499/96 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Il-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.0834 sa 09.0841 għandhom ikopru l-perjodu mill-1 ta' Mejju 2021 sat-30 ta' April 2028. F'każ li dawn il-kwoti tariffarji ma jiġux eżawriti matul dan il-perjodu u f'każ li kwalunkwe protokoll sussegwenti li jistabbilixxi kwoti tariffarji mingħajr dazju għall-istess prodotti ma jiġix applikat b'mod proviżorju, l-importazzjonijiet mill-Iżlanda jistgħu jsiru għall-bqija tal-volum akkumulat tal-kwoti ta' dawk il-kwoti sa sentejn wara t-tmiem ta' dan il-perjodu ta' applikazzjoni iżda mhux aktar tard mill-applikazzjoni proviżorja ta' kwalunkwe protokoll sussegwenti li jistabbilixxi kwoti tariffarji mingħajr dazju għall-istess prodotti."

(2) Fl-Anness wara n-numru tal-ordni 09.0700, jiżdied it-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Kwota tad-dazji (%)
09.0839	0303 51 00		Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati[2]	Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025	280	0
				Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026	840	
				Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027	840	
				Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028	840	
09.0840	0304 49 50		Flettijiet tas-sebasti (*Sebastes* spp.), friski jew imkessħin	Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025	1 750	0
				Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026	5 250	
				Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027	5 250	
				Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028	5 250	
09.0841	0306 15 00		Skampi ffriżati (*Nephrops norvegicus*)	Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025	70	0
				Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026	210	
				Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027	210	
				Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028	210	

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Kwota tad-dazji (%)
09.0834	1604 19 92 1604 20 90		Preparazzjonijiet ta' bakkaljaw u ħut ieħor	Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025	1 400	0
				Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026	4 200	
				Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027	4 200	
				Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028	4 200	
09.0835			**Frisk jew imkessaħ**:	Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025	3 850	0
	0302 23 00		Lingwata (*Solea* spp.)	Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026	11 550	
	0302 24 00 0302 29		Barbun imperjali (*Psetta maxima*) Megrim (*Lepidorhombus* spp.) u ħut ieħor ċatt	Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027	11 550	
	0302 59 90		Ħut mill-familji *Bregmacerotidae, Euclichthyidae, Gadidae, Macrouridae, Melanonidae, Merlucciidae, Moridae* u *Muraenolepididae*	Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028	11 550	
	0302 82 00		Raj u rebekkini (*Rajidae*)			
	0302 89 50		Petriċa kbira (*Lophius* spp.)			
	0302 89 90		Ħut ieħor frisk jew imkessaħ			
			Iffriżat:			
	0303 32 00		Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*)			
	0303 39 85		Pixxiċatt			
	ex 0303 59 90	10	Kavall tal-Indo-Paċifiku (*Rastrelliger* spp.)			

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Kwota tad-dazji (%)
	0303 69 90		Ħut mill-familji *Bregmacerotidae, Euclichthyidae, Gadidae, Macrouridae, Melanonidae, Merlucciidae, Moridae* u *Muraenolepididae*			
	0303 82 00		Raj u rebekkini (*Rajidae*)			
	0303 89 90		Ħut ieħor			
	0303 99 00		Pinen, irjus, dnub, vexxiki u ġewwieni ieħor tal-ħut li jittiekel			
			Fletti friski jew imkessħa ta':			
	0304 43 00		Pixxiċatt (*Pleuronectidae, Bothidae, Cynoglossidae, Soleidae, Scophthalmide* u *Citharidae*)			
	ex 0304 44 90	90	Ħut mill-familji *Bregmacerotidae, Euclichthyidae, Gadidae, Macrouridae, Melanonidae, Merlucciidae, Moridae* u *Muraenolepididae*			
	0304 46 00		Ħut tas-sinna			
	0304 49 10		Ħut tal-ilma ħelu			
	0304 49 90		Ħut ieħor, mhux speċifikat xi mkien ieħor			
	0304 95 10		Surimi ffriżat			
09.0836	0305 39 10		Fletti tas-salamun immellaħ jew fis-salmura, iżda mhux affumikat	Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028	35	0
	0305 42 00		Aringi affumikati		105	
	0305 69 50		Salamun immellaħ biss jew fis-salmura		105	
	0305 41 00		Salamun affumikat, inklużi fletti		105	

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Kwota tad-dazji (%)
09.0837	0305 72 00		Irjus, dnub u vexxiki tal-ħut, affumikati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura	Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028	1 365	
	0305 79 00		Pinen tal-ħut u ġewwieni ieħor tal-ħut li jittiekel, affumikati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura		4 095	
	0305 43 00		Troti affumikati (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache* u *Oncorhynchus chrysogaster*)		4 095	
	0305 49 80		Ħut affumikat ieħor		4 095	
	1604 11 00		Salamun, ippreparat jew ippreżervat, sħiħ jew f'biċċiet, iżda mhux ikkapuljat			
	1604 20 10		Salamun ieħor ippreparat jew ippreservat			
	1605 61 00		Bużżi ppreparati jew ippreservati			
	1605 62 00		Rizzi ippreparati jew ippreservati			
09.0838	0302 22 00		Barbun tat-tbajja' frisk jew imkessaħ (*Pleuronectes platessa*)	Mill-1.1.2025 sat-30.4.2025 Mill-1.5.2025 sat-30.4.2026 Mill-1.5.2026 sat-30.4.2027 Mill-1.5.2027 sat-30.4.2028	1 750	0
	0302 59 20		Merlangu frisk jew imkessaħ (*merlangius merlangus*)		5 250	
	0304 49 10		Fletti friski jew imkessħin tal-ħut tal-ilma ħelu, mhux speċifikati xi mkien ieħor		5 250	
	0304 52 00		Laħam frisk jew imkessaħ, kemm jekk kapuljat kif ukoll jekk le, tas-Salmonidi		5 250	
	0304 89 10		Fletti ffriżati ta' ħut tal-ilma ħelu, mhux speċifikati xi mkien ieħor			
	0305 69 80		Ħut ieħor, immellaħ biss jew fis-salmura			

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Kwota tad-dazji (%)
	0304 82 10 0304 82 90 0302 59 40 0305 53 90 0303 14 20 0303 14 90 0302 14 00 0303 13 00 0304 41 00 0304 81 00		Fletti tat-troti ffriżati (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss,* Oncorhynchus clarki, *Oncorhynchus* aguabonita, Oncorhynchus gilae) lipp frisk jew imkessaħ (*Molva* spp.) ~~Ħ~~ut imnixxef mill-familji *Bregmacerotidae, Euclichthyidae, Gadidae, Macrouridae, Melanonidae, Merlucciidae, Moridae* u *Muraenolepididae,* minbarra l-bakkaljaw Trota iffriżata "*Oncorhynchus mykiss*", bl-irjus u l-garġi, imnaddfa Salamun tal-Atlantiku frisk jew imkessaħ "*Salmo salar*" u salamun tad-Danubju "*Hucho hucho*" Salamun tal-Atlantiku ffriżat "*Salmo salar*" u salamun tad-Danubju "*Hucho hucho*" Fletti friski jew imkessħin ta' Salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou and Oncorhynchus rhodurus*), salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u salamun tad-Danubju (*Hucho hucho*) Fletti ffriżati tas-Salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou and Oncorhynchus rhodurus*), salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u salamun tad-Danubju (*Hucho hucho*)			